MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 685/2004

**Juanafil Consultants Limited (C14109)**

**vs**

**Konjugi Charles
u
Maria Dolores Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 ta' Dicembru tas-sena 2004 li permezz tieghu s-socjeta` attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu s-somma totali ta' elfejn u ghaxar Liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (LM2,010.32,0), dovuti

lis-socjeta` attrici rapprezentanti servizzi rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenuti u dan fuq istruzzjonijiet taghhom, kif ukoll hlas ta' spejjez personali tal-konvenuti u tan-negozju taghhom liema hlas sar fuq talba tal-konvenuti u f'isimhom mis-socjeta` attrici, flimkien ma' self brevi manu u bl-imghaxijiet imposti;

2. Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 3 ta' Awissu tas-sena 2004 u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment, u interessi skond il-ligi kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-11 ta' Frar tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenuti ecceppew is-segwenti:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-ammont mitlub mhux dovut kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti kopjuzi prodotti;

Rat id-digriet taghha datat is-17 ta' Mejju tas-sena 2006 li permezz tieghu, wara li semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet fuq rikors tal-konvenut Grech, hatret lil Dr. Ian Crockford biex jezamina l-istatements prezentati mill-partijiet u biex jirrelata fit-termini ta' l-avviz promotur;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert tekniku fuq indikat datat is-6 ta' Mejju tas-sena 2008;

Ezaminat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ din il-procedura jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta` attrici qed tippretendi l-ammont minnha indikat mill-konvenuti in parte minhabba servizzi professjonali rezi lilhom mill-istess socjeta`, u in parte minhabba rimborsi ta’ bolol; ricevuti ghall-V.A.T. imhallas, u ghal taxi ohra mhallsin mis-socjeta` attrici f’isem il-konvenuti, u finalment in parte ghal self “*brevi manu”* li sar lill-konvenut Grech ghal xi hlasijiet li dan kellu jeffettwa lir-Registru tal-Qorti;

2. Illi l-konvenut Grech kien qabel ukoll li jhallas l-interessi dovuti skond il-ligi;

3. Illi l-konvenut Grech kien klijent tas-socjeta` attrici sa mill-1993 u l-esekuzzjoni tal-pagament dovuti kien isir a bazi ta’ rendikont mensili u iehor separat li jindika l-interessi minnu dovuti;

4. Illi fuq dawn id-dokumentazzjonijiet, il-konvenut kien ihallas akkont;

5. Illi l-procedura odjerna kellha tigi introdotta peress li l-konvenut irrifjuta li jhallas il-fatturi lilu mibjugha u li jhallas li jeffettwa l-pagament l-ohra dovuti;

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni tal-konvenuti tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-konvenut jikkonferma li kien ilu klijent tas-socjeta` attrici sa mill-1993;

2. Illi fis-sena 2002 il-konvenut kien infurmat mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali li ma kienx qed jircievi r-rendikont tal-kumpanija tal-konvenut;

3. Illi ghalkemm kien gibed l-attenzjoni tas-segretarji tas-socjeta` attrici ghal dan il-fatt, kien assikurat li d-dokumentazzjoni kollha kienet regolarment mibghuta;

4. Illi l-konvenut jammetti li ssellef l-ammont ta' elf u tlett mitt Lira Maltin, (LM1,300.00,0), minghand is-socjeta` attrici;

5. Illi matul iz-zmien il-konvenut naqsitlu l-fiducja fis-socjeta` attrici u beda jeffettwa l-verifiki fuq il-fatturi li kien jircievi mis-socjeta` attrici;

6. Illi skond il-konvenut, il-verifiki minnu effettwati kienu juru diversi diskrepanzi fl-operat tas-socjeta` attrici;

7. Illi ghalhekk kien kostrett jopponi ghat-talbiet attrici;

Ikkunsidrat:

Illi skond ir-relazzjoni ta' l-espert tekniku nominat jirrizulta s-segwenti:

1. Illi s-socjeta` attrici hi fin-negozju ta' konsulenza finanzjarja;

2. Illi l-konvenuti kienu fin-negozju u kienu klijenti tas-socjeta` attrici;

3. Illi s-socjeta` attrici kienet tikri l-ufficini taghha minghand il-konvenuti;

4. Illi originarjament, ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet kienu ottimi;

5. Illi wara li saru d-dovuti verifiki jirrizulta li l-bilanc dovut mill-konvenuti lis-socjeta` attrici jammonta ghall-elfejn u tlieta u hamsin Lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu, (LM2,053.26,0);

6. Illi jirrizulta wkoll wara verifika tal-fatturi pprezentati in atti li l-konvenuti ghandhom ukoll jaghtu lis-socjeta`

attrici l-ammont ta’ hames mija u hamsa u tletin Lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu, (LM535.77,0);

7. Illi wara li l-espert tekniku fuq indikat analizza d-dokumentazzjoni kopjuza pprezentata in atti; wara li ha in konsiderazzjoni l-aggustamenti kollha mehtiega fil-konteggi tas-socjeta` attrici u tal-konvenuti, wara li tnaqqsu l-pagamenti akkont effetwati mill-konvenuti, jirrizulta li l-ammont dovut mill-konvenuti lis-socjeta` attrici hu dak ta’ disa’ mija u tnejnu sebghin Lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu, (LM972.58,0);

8. Illi din il-qorti m’ghandhiex ragunijiet ghalfejn ghandha tiddisturba dan l-analisi ta’ l-espert tekniku inkarigat minnha stess, u ghalhekk qed taghmel taghha l-konkluzzjonijiet li wasal ghalihom l-istess espert tekniku;

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti qed takkolji parzjalment it-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-konvenuti konjugi Charles u Maria Dolores Grech biex ihallsu lis-socjeta` attrici Juanafil Consultants Limited (C14109) is-somma ta’ disa’ mija u tnejn u disghin Lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu, (LM972.58,0), ekwivalenti ghal elfejn mitejn u hamsa u sittin Ewro u hamsin centezmu (€2265.50);

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti skond il-ligi mit-3 t’Awissu tas-sena 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------